31985R1899

11.7.1985 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 179/2

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) Nru 1899/85
tat-8 ta' Lulju 1985
li jistabbilixxi daqs minimu ta' toqob għal xbieki użati waqt sajd għall-*capelin* f'dik il-parti taż-żona tal-Konvenzjoni dwar il-Kooperazzjoni Multilaterali Futura dwar is-Sajd fl-Atlantiku tal-Grigal li jestendi 'l hinn mill-ibħra li jaqgħu fil-ġurisdizzjoni tas-sajd tal-Partijiet Kontraenti tal-Konvenzjoni

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 170/83 tal-25 ta' Jannar 1983 li jistabbilixxi sistema tal-Komunità għall-konservazzjoni u l-immaniġġjar tar-riżorsi tas-sajd [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 11 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi, taħt l-Artikolu 2 tar-Regolament (KEE) Nru 170/83, il-miżuri ta' konservazzjoni meħtieġa biex jintlaħqu l-għanijiet esiġiti fl-Artikolu 1 ta' dak ir-Regolament iridu jinħadmu mill-Kunsill fid-dawl tal-parir xjentifiku disponibbli;

Billi l-Konvenzjoni dwar il-Kooperazzjoni Multilaterali Futura dwar is-Sajd fl-Atlantiku tal-Grigal kienet approvata bid-Deċiżjoni 81/608/KEE [2]; billi daħlet fis-seħħ fis-17 ta' Marzu 1982;

Billi l-Kummissjoni mwaqqfa taħt il-Konvenzjoni adottat, fit-28 ta' Novembru 1984, rakkomandazzjoni dwar id-daqs minimu ta' toqob ta' xbieki għas-sajd tal-*capelin* f'dik il-parti taż-żona tal-Konvenzjoni li testendi 'l hinn miż-żoni li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tas-sajd tal-Partijiet Kontratwanti u din ir-rakkomandazzjoni saret torbot fuq il-Komunità fis-26 ta' Jannar 1985;

Billi l-Komunità għandha issa tieħu azzjoni biex timplimenta r-rakkomandazzjoni dwar il-bastimenti tal-Komunità,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT

L-Artikolu 1

Dgħajjes li jkunu jtajjru l-bandiera ta', jew irreġistrati fi, Stat Membru għandhom ikunu projbiti milli jużaw xbieki b'daqs ta' toqob li jkun inqas minn 16 mm meta jistadu għall-*capelin* f'dik il-parti taż-żona tal-Konvenzjoni li testendi 'l hinn mill-ibħra li jaqgħu fil-ġurisdizzjoni tas-sajd tal-Partijiet Kontraenti ta' din il-Konvenzjoni.

Id-definizjoni taż-żona tal-Konvenzjoni tinsab fl-Anness.

Dgħajsa għandha tkun meqjusa li qiegħda tistad għall-*capelin* jekk ikollha *capelin* abbord li jkun jeċċedi l-50 % skond il-piż ta' l-ammont totali ta' *capelin* u speċi oħra abbord.

L-Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-8 ta' Lulju 1985.

Għall-Kunsill

Il-President

J. SANTER

[1] ĠU L 24, tas-27.1.1983, p. 1.
[2] ĠU L 227, tat-12.8.1981, p. 21.

L-ANNESS

Tifsira taż-żona koperta bil-Konvenzjoni dwar il-Kooperazzjoni Multilaterali Futura dwar is-Sajd fl-Atlantiku tal-Grigal

(L-Artikolu 1(1) tal-Konvenzjoni)

Iż-żona li għaliha tapplika il-Konvenzjoni għandhom ikunu l-ibħra:

(a) f'dawk il-partijiet ta' l-Oċean Atlantiku u dak Arktiku u l-ibħra dipendenti tagħhom li jinsabu fit-tramuntana latitudni 36° T u bejn lonġitudni 42° P u lonġitudni 51° L, iżda eskluż:

(i) il-Baħar Baltiku u l-Belts li jinsabu fin-nofsinhar u l-lvant tal-linji miġbuda mill-Hasenore Head sa Gniben Point, minn-Korshage sa Spodsbjerg u mnn Gilbierg Head sa Kullen, u

(ii) il-Baħar Mediterran u l-ibħra dipendenti tiegħu l-bogħod sal-ponta ta' intersezzjoni tal-paralell ta' latitudni 36° T u l-meridjan tal-lonġitudni 5°36' P;

(b) f'dik il-parti ta' l-Oċean Atlantiku fit-tramuntana ta' latitudni 59° T u bejn lonġitudni 44° P u lonġitudni 42° P.